KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2015 [1]

Kawża C-319/14

B&S Global Transit Center BV
vs
Staatssecretaris van Financiën

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kodiċi Doganali tal-Komunità — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Artikoli 203 u 204 — Proċedura ta' tranżitu estern — Tnissil tad-dejn doganali — Tneħħija mis-sorveljanza doganali — Nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu — Ommissjoni li l-proċedura ta' tranżitu estern tiġi mitmuma — Ħruġ ta' merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea"

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ffokat diversi drabi fuq il-problema tat-tnissil tad-dejn doganali minħabba nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mill-użu tal-proċedura doganali ta' tranżitu estern, iżda sitwazzjoni bħal dik ippreżentata fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi preċedent. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-opportunità li tippreċiża iktar il-ġurisprudenza tagħha rigward il-qasam.

Il-kuntest ġuridiku

2. Il-kuntest ġuridiku ta' din il-kawża huwa kkostitwit mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2], kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006 (iktar 'il quddiem " il-Kodiċi Doganali "), kif ukoll tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [3]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 tat-28 ta' Frar 2007 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implementazzjoni"), fil-verżjonijiet tagħhom applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2008 [4].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3.

4 — Dawn il-verżjonijiet kienu dawk applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali. Peress li ċerti deċiżjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kienu ġew adottati wara t-30 ta' Ġunju 2008, id-deċiżjoni tar-rinviju tissuġġerixxi li l-verżjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni sussegwenti għal din id-data setgħet ukoll tittieħed inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali. Fi kwalunkwe każ, id-differenzi bejn dawn il-verżjonijiet, f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet rilevanti għal din il-kawża, huma editorjali biss (ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 5).

3. L-Artikoli 37, 91(1)(a), 92, 203(1) u 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali jipprevedu kif ġej :

“Artikolu 37

1. Merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità għandha, mill-ħin tad-dħul tagħha, tkun soġġetta għal sorveljanza doganali. Tista’ tkun soġġetta għal kontrolli doganali skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

2. Għandha tibqa’ taħt dik is-sorveljanza għaż-żmien neċessarju biex jiġi stabbilit l-istatus doganali tagħha, jekk ikun xieraq, u fil-każ ta’ merkanzija mhux tal-Komunità u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 82(1), sakemm l-istatus doganali tagħha jinbidel, tidħol f’żona ħielsa jew maħżen ħieles jew tkun esportata mill-ġdid jew meqruda skont l-Artikolu 182.

[…]

Artikolu 91

1. Il-proċess ta’ transitu estern għandu jippermetti l-moviment minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Komunità ta’:

a) merkanzija mhux tal-Komunità, mingħajr ma dik il-merkanzija tkun soġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni u ħlasijiet oħra jew għal miżuri ta’ politika kummerċjali;

[…]

Artikolu 92

1. Il-proċedura ta’ transitu estern għandha tintemm u l-obbligazzjonijiet tad-detentur għandhom ikunu mwettqa meta l-prodotti mqiegħda taħt il-proċedura u d-dokumenti meħtieġa jkunu ingħataw lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-proċedura inkwistjoni.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu l-proċedura meta jkunu f’pozizzjoni li jistbilixxu, fuq il-bażi ta’ paragun tad-data disponibbli għall-uffiċju tat-tluq u dik disponibbli lill-uffiċju doganali tad-destinazzjoni, li l-proċedura tkun intemmet korrettement.”

[…]

Artikolu 203

1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

— tat-tneħħija kontra l-liġi mis-sorveljanza doganali ta’ merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni.

[…]

Artikolu 204

1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

a) tan-nuqqas ta’ eżekuzzjoni ta’ wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta’ merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu, jew

[…]

f'każijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 203 ħlief meta jiġi stabbilit li dawk in-nuqqasijiet m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata.

[…]"

4. L-Artikoli 361(1), 363, 365(1), (2) u (3), il-punt 6 tal-Artikolu 859 u l-Artikolu 860, tar-Regolament ta' Implementazzjoni jipprevedu li:

"Artikolu 361

1. L-oġġetti u l-kopji Nru 4 u Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' transitu għandhom ikunu presentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

[…]

Artikolu 363

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhon jirritoirnaw il-kopja Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' transitu lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq mingħajr dewmien u l-iktar fi żmien xahar mid-data li fiha tkun intemmet il-proċedura.

[…]

Artikolu 365

1. Jekk il-kopjas Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' transitu ma tkunx rritornata lill-awtoritajiet dognali ta' l-Istat Membru tat-tluq fi żmien xahrejn mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni, dawk l-awtoritajiet għandhom jinformaw lill-prinċipal u jitolbuh biex ifornihom bi prova li l-proċedura ntemmet.

[…]

2. Il-prova msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun fornuta għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali fil-forma ta' dokument iċ-Ċertifikat mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni li jidentifika l-oġġetti u li jistabilixxi li dawn ġew ippresentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew, fejn japplika l-Artikolu 406, lill-konsenjatur awtorizzat.

3. Il-proċedura ta' transitu tal-Komunità għandha tkun ukoll meqjusa bħala li ntemmet fejn il-prinċipal jippresenta, għas-sodisfazzjopn ta' l-awtoritajiet doganali, dokument doganali maħruġ minn pajjiż terz li jdaħħal l-oġġetti għal trattament jew użu doganali approvat, jew kopja jew foto-kopja tiegħu, li tidentifika l-oġġetti. Kopji jew foto-kopji għandhom ikunu attestati bħala kopji veri mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat jew mill-awtoritajiet ta'

wieħed mill-Istati Membri [5].

Artikolu 859

"In-nuqqasijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala bla konsegwenzi reali fuq il-ħażna temporanja jew proċedura doganali fis-sens ta' l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi, sakemm:

— ma jikkostitwux tentattiv li titneħħa merkanzija illegalment mis-sorveljanza doganali,

— ma jkunux jimplikaw negliġenza evidenti da parti tal-persuna interessata, u

— il-formalitajiet kollha meħtieġa ħalli tkun irregolarizzata s-sitwazzjoni tal-merkanzija jkunu saru sussegwentement;

[…]

6) fil-każ ta' merkanzija f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali, it-tneħħija tal-merkanzija mit-territorju doganali tal-Komunità [...] mingħajr it-twettieq tal-formalitajiet meħtieġa;

[…]

Artikolu 860

L-awtoritajiet doganali għandhom iqisu li jkun inħoloq dejn doganali permezz ta' l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi sakemm il-persuna li kieku tkun id-debitriċi ma tistabilixxix illi l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 859 ikunu sodisfatti."

Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, il-proċedura u d-domandi preliminari

5. B&S Global Transit Center BV, kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż, hija fornitur ta' servizzi ta' loġistika. Fit-2 ta' Lulju 2006 u fit-13 ta' Awwissu u fit-18 ta' Diċembru 2007, għamlet dikjarazzjonijiet ta' tqegħid ta' merkanzija (prodotti tal-ikel) taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Komunità. Dawn id-dikjarazzjonijiet indikaw lil Moerdijk (il-Pajjiżi l-Baxxi) bħala l-uffiċċju doganali tat-tluq u Bremerhaven (il-Ġermanja), Antwerpen (il-Belġju) u Bremerhaven rispettivament bħala uffiċċji tad-destinazzjoni.

5 — Din il-verżjoni tal-Artikolu 365 tar-Regolament ta' Implementazzjoni kienet applikabbli sat-3 ta' Ġunju 2009. Fl-istess waqt mill-1 ta' Lulju 2008, kienet applikabbli l-verżjoni l-ġdida tal-Artikolu 366 tiegħu, li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2008, tas-17 ta' Novembru 2008, li jemenda r-Regolament Nru 2454/93 (ĠU L 329, p. 1), li tgħid:

"1. Il-prova li l-proċedura ntemmet fil-limitu ta' żmien preskritt fid-dikjarazzjoni tista' tingħata mill-prinċipal, għas-sudisfazzjoni tal-awtoritajiet doganali, f'forma ta' dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni li jidentifika l-merkanzija u li jistabbilixxi li din kienet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew, fejn japplika l-Artikolu 406, lil destinatarju awtorizzat.

2. Il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu għandha titqies li tkun intemmet ukoll meta l-prinċipal jippreżenta, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

a) dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz li daħħal il-merkanzija biex tkun trattata jew użuta b'mod approvat mid-dwana;

b) dokument maħruġ f'pajjiż terz, ittimbrat mill-awtoritajiet doganali ta' dan il-pajjiż u li jiċċertifika li l-merkanzija hija meqjusa li tista' ticċirkola liberament fil-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinbidlu b'kopji jew b'fotokopji tagħhom, attestati bħala kopji veri mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat jew mill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri.

Is-sovrappożizzjoni tal-perijodi ta' implementazzjoni hija probabbilment dovuta għal żball fid-determinazzjoni tad-dati differenti ta' dħul fis-seħħ tal-emendi magħmula għar-Regolament ta' Implementazzjoni bir-Regolament Nru 1192/2008.

6. Fl-4 ta' Awwissu 2006, fis-26 ta' Settembru 2007 u fl-24 ta' Jannar 2008, l-awtoritajiet doganali tal-uffiċċju tat-tluq indikaw li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma rċevietx il-kopja ta' ritorn tad-dikjarazzjoni u stiednuha biex tipproduċi l-prova li l-proċedura kienet waslet fi tmiemha. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali wieġbet billi ppreżentat dokumenti kummerċjali, bħal poloz tat-tagħbija ("bills of lading") maħruġa mit-trasportatur, iżda ebda dokument doganali. Għalhekk, l-awtoritajiet doganali indirizzaw lill-uffiċċji tad-destinazzjoni bl-avviżi ta' inkjesta skont l-Artikolu 366 tar-Regolament ta' Implementazzjoni. Dawn l-uffiċċji tad-destinazzjoni indikaw li la l-merkanzija u lanqas d-dokumenti ta' akkumpanjament ma ġew ippreżentati lilha.

7. B'kunsiderazzjoni li d-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinux jikkostitwixxu prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu u li, konsegwentement inħoloq dejn doganali b'konformità mal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, fl-24 ta' Mejju 2007, fl-1 ta' Lulju u l-4 ta' Novembru 2008, l-awtoritajiet doganali Olandiżi indirizzaw lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali l-avviż ta' pagament. Matul il-proċedura ta' lment, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali pproduċiet rċevuti ta' merkanzija inkwistjoni maħruġa mid-destinatarji tagħhom jiġifieri l-forzi tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (ONU) f'Abidjan (il-Kosta tal-Avorju), il-forzi tan-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku (NATO) f'Kabul (l-Afganistan) u l-forzi tan-Nazzjonijiet Uniti f'Port-au-Prince (Haiti). L-awtoritajiet doganali, peress li ma kinux issodisfatti minn dawn id-dokumenti ġodda, żammew l-avviżi ta' pagament.

8. Wara r-rikors tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali quddiem ir-Rechtbank te Haarlem, din tal-aħħar annullat id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali, billi kkunsidrat li n-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija akkużata bihom kienu jaqgħu taħt l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, moqri flimkien mal-punt 6 tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, u għaldaqstant ma jagħtux lok għat-tnissil ta' dejn doganali. Peress li din is-sentenza ġiet sussegwentement annullata fl-appell mill-Gerechtshof te Amsterdam, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

9. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 203 u 204 tal-Kodiċi Doganali, moqrija flimkien mal-Artikolu 859 (b'mod partikolari l-punt 6) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta proċedura doganali ta' tranżitu estern tal-Komunità ma tkunx intemmet, iżda dokumenti fornuti jippermettu li jiġi stabbilit li l-merkanzija tkun ħarġet mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, il-fatt li din il-proċedura ma ntemmietx ma jwassalx għat-tnissil ta' dejn doganali minħabba t-tneħħija tas-sorveljanza doganali fis-sens tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, iżda, bħala prinċipju, għat-tnissil ta' dejn doganali fuq il-bażi tal-Artikolu 204 ta' dan il-Kodiċi Doganali?

2) Il-punt 6 tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tirrigwarda esklużivament in-nuqqas ta' implementazzjoni tal-obbligi (jew ta' wieħed minnhom) marbuta mal-esportazzjoni (mill-ġdid) tal-merkanzija, hekk kif iddefinit fl-Artikoli 182 u 183 tal-Kodiċi Doganali? Jew il-fraži 'mingħajr it-twettieq tal-formalitajiet meħtieġa' għandha tiġi interpretata fis-sens li l-'formalitajiet meħtieġa' jinkludu wkoll il-formalitajiet li għandhom jiġu ssodisfatti qabel l-(re)esportazzjoni sabiex tintemm il-proċedura doganali li taħtha tkun tpoġġiet il-merkanzija?

3) Jekk id-domanda preċedenti tingħata risposta affermattiva, it-tielet inċiż tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas li jiġu ssodisfatti l-formalitajiet previsti fit-tieni domanda ma jipprekludix li, f'każ bħal dak inkwistjoni – fejn dokumenti juru li l-merkanzija ħarġet mit-territorju doganali tal-Unjoni matul it-tranżitu fl-Unjoni – il-kundizzjoni li "formalitajiet kollha meħtieġa ħalli tkun irregolarizzata s-sitwazzjoni tal-merkanzija jkunu saru sussegwentement" tista' tkun ikkunsidrata bħala sodisfatta?"

10. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-3 ta' Lulju 2014. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Taljan, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati waqt is-seduta li seħħet fl-20 ta' Mejju 2015.

Analiżi

11. Hemm lok li tingħata risposta għad-domandi preliminari fl-ordni li tressqu. L-ewwel nett, nixtieq nosserva li, minħabba r-risposta li nipproponi lill-Qorti ta-Ġustizzja li tagħti għall-ewwel domanda preliminari, ser nanalizza t-tieni u t-tielet domanda unikament b'mod sussidjarju.

Fuq l-ewwel domanda preliminari

12. Skont il-formulazzjoni stess tal-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi Doganali, dan japplika "f'każijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 203" ta' dan il-kodiċi. Għalhekk, huwa xieraq li l-ewwel nett nirrispondi għad-domanda jekk japplikax l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, sabiex eventwalment, sussegwentement, nanalizza l-applikabbiltà tal-Artikolu 204 tiegħu [6].

13. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf, jekk l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li jnissel dejn doganali skont dan l-artikolu, minħabba t-tneħħija mis-sorveljanza doganali, il-fatt li merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ta' dan it-tranżitu, u mingħajr ma d-detentur ta' din il-proċedura jkun fil-pożizzjoni li jippreżenta dokumenti doganali li joħorġu minn Stat terz, imsemmija fl-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

Osservazzjoni preliminari

14. Għandi l-ewwel nett nosserva, li l-qorti tar-rinviju tidher li qed tibda mill-premessa li, fil-kawża prinċipali, il-proċedura ta' tranżitu ma ntemmitx, minħabba li, minn naħa, huwa paċifiku li l-merkanzija ma ġietx ippreżentata fl-uffiċċji doganali differenti tad-destinazzjoni u min-naħa l-oħra, id-dokumenti prodotti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari l-irċevuti maħruġa mid-destinatarji tal-merkanzija, jiġifieri l-forzi armati tal-ONU u tan-NATO, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

15. Din id-dikjarazzjoni jidhirli li hija korretta, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-klassifikazzjoni tal-irċevuti msemmija iktar 'il fuq. Fil-fatt, l-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni jikkostitwixxi miżura ta' flessibbiltà tal-proċedura ta' tranżitu doganali, li tippermetti li jiġi kkunsidrat li l-proċedura ntemmet, fin-nuqqas ta' provi prodotti mill-Istati Membri, fuq preżentazzjoni tad-dokumenti li jiċċertifikaw li l-merkanzija ħarġet mit-territorju doganali tal-Unjoni. Madankollu, il-wasla ta' merkanzija fi Stat terz għandha tiġi ċċertifikata mill-awtoritajiet doganali ta' dan l-Istat. Għalhekk, is-sorveljanza eżerċitata mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri hija ssostitwita b'dik eżerċitata mill-awtoritajiet doganali tal-Istat terz.

6 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi Hamann International (C-337/01, EU:C:2004:90, punti 28 sa30) u X (C-480/12, EU:C:2014:329, punti 31 sa 33).

16. L-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni huwa hawnhekk kategoriku: huma biss id-dokumenti stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-Istat terz, bl-esklużjoni ta' kull dokument ieħor, li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-proċedura ta' tranżitu ntemmet. Il-verżjoni l-ġdida ta' din id-dispożizzjoni, li tidher fl-Artikolu 366(2) ġdid tar-Regolament ta' Implementazzjoni.[7], ma tbiddilx din ir-regola, minħabba li intervent mill-awtoritajiet doganali tal-Istat terz fid-determinazzjoni tad-dokument li jservi bħala prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu huwa dejjem meħtieġ. Din l-interpretazzjoni stretta hija kkonfermata mill-"Manwal dwar it-Tranżitu" tal-Kummissjoni[8], li jgħid li "għandhom ikunu esklużivament dokumenti jew data doganali (dikjarazzjonijiet doganali jew ċertifikazzjoni ta' tqegħid taħt proċedura doganali jew ta' assenzjazzjoni ta' destinazzjoni doganali) ċċertifikati mill-awtoritajiet doganali tal-pajiż terz ta' destinazzjoni u li effettivament jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq biex jiżguraw ruħhom li dawn tassew jirrigwardaw il-merkanzija inkwistjoni u li din kienet għalhekk effettivament telqet mit-territorju tal-partijiet kontraenti tal-Komunità"[9] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din hija l-espressjoni ta' ċerta fiduċja fl-atti tal-awtoritajiet doganali barranin, li huma fil-pożizzjoni li jivverifikaw u li jiċċertifikaw b'mod sodisfaċenti l-identità tal-merkanzija, in-natura intatta tagħha (inkluż f'dak li jirrigwarda l-imballaġġi u s-siġilli) u l-konformità tal-merkanzija mad-dokumenti doganali tal-Istati Membri.

17. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, tidher li qed tissuġġerixxi li dawn huma nuqqasijiet fil-funzjonament tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tad-destinazzjoni li ppermettew l-introduzzjoni tal-merkanzija inkwistjoni fit-territorju tagħhom mingħajr kontroll doganali u li, għal din ir-raġuni, id-dokumenti stabbiliti mill-forzi internazzjonali, destinatarji tal-merkanzija, għandhom jitqiesu bħala wkoll, jew anki iktar, provi iktar milli dokumenti doganali. Madankollu, anki jekk wieħed jassumi li dan huwa l-każ, l-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni ma jippermettix li jiġu aċċettati bħala prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu, bl-istess mod bħad-dokumenti doganali tal-Istat terz, dokumenti stabbiliti mid-destinatarju tal-merkanzija mibgħuta, anki jekk dan id-destinatarju huwa entità uffiċjali, bħall-forzi armati internazzjonali[10]. Il-privileġġi u l-immunitajiet li jgawdu minnhom normalment dawn il-forzi ma jistgħux jinvalidaw din il-konstatazzjoni, minħabba li l-privileġġ doganali jippermetti l-importazzjoni ta' merkanzija eżentata mid-dazji doganali, iżda mhux mingħajr l-għarfien tal-awtoritajiet doganali.

18. F'dak li jikkonċerna l-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, imqajjem waqt is-seduta, li l-merkanzija inkwistjoni kienet tassew ġiet ippreżentata lill-uffiċċji tad-destinazzjoni, u li dawn tal-aħħar naqsu milli jirreġistrawha jew li jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa, dan ukoll għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija operatur professjonali li minnha jista' jkun meħtieġ diliġenza ikbar. Għalhekk, hija għandha d-dmir li tiżgura li l-formalitajiet neċessarji kollha, li hija għandha għarfien perfett tagħhom, jiġu ssodisfatti. Fi kwalunkwe każ, il-qrati nazzjonali fil-proċedura fil-kawża prinċipali jqisu bħala fatt stabbilit li l-merkanzija ma ġietx ippreżentata lill-uffiċċji tad-destinazzjoni.

19. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra korrettament li d-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma insuffiċjenti biex tipprova li l-proċedura ta' tranżitu ntemmet[11].

7 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

8 — Id-dokument TAXUD/801/2004, aċċessibbli fis-sit tal-internet tal-Kummissjoni fil-lingwi uffiċjali kollha. L-għan ta' dan il-manwal huwa li jiggarantixxi applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha.

9 — It-tieni subparagrafu tal-punt 3.4.2.2 tal-Manwal dwar it-Tranżitu (p. 282).

10 — Ma jistax ikun mod ieħor ħlief li dawk il-forzi kellhom bħala missjoni li jassistu lill-awtoritajiet doganali tal-Istat ospitanti. Madankollu, f'dan il-każ, dawn aġixxew preċiżament bħala awtoritajiet doganali u mhux bħala destinatarji tal-merkanzija.

11 — Il-Kummissjoni, mistoqsija dwar dan is-suġġett waqt is-seduta, ikkonfermat ukoll li, fil-fehma tagħha, il-proċedura ta' tranżitu inkwistjoni fil-proċedura prinċipali ma ntemmitx.

Interpretazzjoni tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali

20. F'dan il-punt xieraq li nistaqsi jekk il-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni tal-merkanzija suġġetta għall-proċedura ta' tranżitu, skont il-kundizzjonijiet tal-kawża prinċipali, jikkostitwixxix it-tneħħija mis-sorveljanza doganali fis-sens tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali.

21. Il-Kodiċi Doganali ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "tneħħija mis-sorveljanza doganali". Għall-kuntrarju, il-punt 13 tal-Artikolu 4 tiegħu jiddefinixxi t-terminu ta' "[s]orveljanza mill-awtoritajiet doganali", li għandu jinftiehem bħala l-"azzjoni meħuda b'mod ġenerali minn dawk l-awtoritajiet bil-għan li jiżguraw illi r-regoli doganali u, fejn xieraq, dispożizzjonijiet oħra applikabbli għal merkanzija soġġetta għal sorveljanza doganali jiġu osservati". Dan it-terminu, użat biss ftit drabi fir-Regolament ta' Implementazzjoni, fl-opinjoni tiegħi għandu jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti għall-kunċett ta' "sorveljanza doganali".

22. Il-kompitu ta' definizzjoni konkreta tal-kunċett ta' "tneħħija mis-sorveljanza doganali" għalhekk jerġa' lura għand il-Qorti tal-Ġustizzja. Skont il-formulazzjoni li sadanittant ġiet stabbilita, dan il-kunċett għandu jinftiehem bħala li jinkludi kull att jew ommissjoni li għandu bħala riżultat li jipprekludi, anki momentarjament, lill-awtorità doganali kompetenti milli taċċedi għal merkanzija taħt sorveljanza doganali u milli twettaq il-kontrolli previsti fl-Artikolu 37(1) tal-Kodiċi Doganali [12]. Għaldaqstant għandu jiġi evalwat jekk il-fatti fil-kawża prinċipali humiex koperti minn din id-definizzjoni.

23. Għalkemm huwa veru li, fis-sentenza tagħha Honeywell Aerospace [13], il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li kkunsidrat bħala evidenti l-fatt li n-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu lill-uffiċċju tad-destinazzjoni kien wassal għat-tnissil ta' dejn doganali fis-sens tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, [14] din il-kawża madankollu kienet tikkonċerna merkanzija li sparixxiet u li baqgħet ma nstabitx. Fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi evalwat jekk tapplikax l-istess konklużjoni għal merkanzija li probabbilment ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni, sabiex jiġi żviluppat iktar ir-raġunament f'dan ir-rigward u jiġi vverifikat jekk il-ġurisprudenza reċenti toffrix elementi ġodda.

24. Skont l-Artikolu 37(1) tal-Kodiċi Doganali, "[m]erkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha […] tkun soġġetta għal sorveljanza doganali". Dawn il-kontrolli għandhom bħala għan, skont id-definizzjoni li tinsab fil-punt 14 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali, li "tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' regoli doganali u ta' liġijiet oħrajn li jirregolaw id-dħul, il-ħruġ, it-transitu, it-trasferiment u l-użu aħħari ta' merkanzija" suġġetta għas-sorveljanza doganali. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan ukoll li tiggarantixxi l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni preżenti wkoll fid-definizzjoni tas-"sorveljanza mill-awtoritajiet doganali" msemmija fil-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet. Konsegwentement, għalkemm dawn il-kontrolli jistgħu jseħħu fi kwalunkwe mument, is-sorveljanza doganali għandha madankollu timmaterjalizza ruħha fil-forma ta' kontrolli doganali, speċjalment f'ċerti mumenti "kruċjali" għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni.

25. F'dak li jikkonċerna l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, dawn il-mumenti kruċjali huma qabel kollox il-bidu u t-tmiem tal-proċedura. Huwa billi jiġu spezzjonati f'dawn iż-żewġ mumenti l-merkanzija u d-dokumenti li jakkumpanjawha u billi d-data tiġi pparagunata li l-awtoritajiet doganali jiżguraw ruħhom li l-proċedura ffunzjonat u ntemmet b'mod regolari jiġifieri, li l-leġiżlazzjoni ġiet applikata korrettement. Fil-każ tal-proċedura ta' tranżitu, dawn il-kontrolli jsiru fl-uffiċċji tat-tluq u tad-destinazzjoni. Jekk il-merkanzija ma tkunx ġiet ippreżentata lill-uffiċċju tad-destinazzjoni u l-prinċipal obbligat ma jkunx ipproduċa provi oħra tat-tmiem tal-proċedura, bħal dawk previsti fl-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni, l-għan tal-kontrolli doganali, u għaldaqstant dak tas-sorveljanza doganali, ma jkunx intlaħaq.

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi D. Wandel (C-66/99, EU:C:2001:69, punt 47) u X (C-480/12, EU:C:2014:329, punt 34).

13 — C-300/03, EU:C:2005:43.

14 — Ara l-punt 20 tas-sentenza.

26. Barra minn hekk, l-ommissjoni li l-merkanzija tiġi ppreżentata lill-uffiċċju tad-destinazzjoni tipprekludi lill-awtoritajiet doganali milli jwettqu l-kontrolli f'mument kruċjali għall-funzjonament tal-proċedura ta' tranżitu u konsegwentement tikkostitwixxi tneħħija mis-sorveljanza doganali.

27. Iċ-ċirkustanza li din il-merkanzija kienet tinsab probabbilment [15], barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, ma hijiex rilevanti, minħabba li s-sorveljanza *doganali* (imsejħa barra minn hekk "sorveljanza mill-awtoritajiet doganali") ma għandha ebda sens ieħor ħlief jekk huma l-*awtoritajiet doganali* li jiżguraw ruħhom minn fejn tispiċċa l-merkanzija suġġetta għas-sorveljanza tagħhom. L-affermazzjoni li ma kienx hemm tneħħija mis-sorveljanza doganali, minħabba li t-trasportatur jew id-destinatarju tal-merkanzija jiggarantixxi, mingħajr ebda kontroll doganali, li l-merkanzija ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni, tkun kontradizzjoni fit-termini.

28. Għal din ir-raġuni ma nistax naqbel mat-teżi ppreżentata mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li tgħid li ma kienx hemm tneħħija mis-sorveljanza doganali fil-kawża prinċipali minħabba li l-awtoritajiet doganali ma kinux preklużi milli jwettqu kontroll eventwali sakemm il-merkanzija inkwistjoni kienet tinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni. Fil-fatt, dak li jgħodd, ma hijiex il-possibbiltà teoretika li jsir kontroll irrispettivament mill-mument, iżda l-impossibbiltà li jsir kontroll fil-mument meta kien indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni jiġifieri, fil-mument li tintemm il-proċedura. Għalhekk, kuntrarjament għall-argument imressaq mill-Kummissjoni waqt is-seduta, fil-każ tal-proċedura ta' tranżitu, il-fatt li l-proċedura ma ntemmitx korrettament minħabba l-ommissjoni li tiġi ppreżentata l-merkanzija lill-uffiċċju tad-destinazzjoni, huwa ekwivalenti għal tneħħija ta' din il-merkanzija mis-sorveljanza doganali.

29. Fl-opinjoni tiegħi, din l-interpretazzjoni ma ġietx invalidata mis-sentenza X [16]. Din is-sentenza tikkonċerna sitwazzjoni totalment differenti minn dik fil-kawża prinċipali, jiġifieri dik ta' merkanzija suġġetta għall-proċedura ta' tranżitu li ġiet ippreżentata lill-uffiċċju tad-destinazzjoni, iżda b'dewmien kunsiderevoli u mhux iġġustifikat. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'tali ċirkustanzi, ir-ritorn tal-merkanzija intatta taħt is-sorveljanza doganali, filwaqt li jiġi eliminat ir-riskju li din il-merkanzija tiġi introdotta fiċ-ċirkulazzjoni ekonomika tal-Unjoni mingħajr ma tiġi żdoganata, jeskludi t-tnissil tad-dejn doganali fis-sens tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali [17].

30. Għall-kuntrarju, mis-sentenza X ma tistax tiġi dedotta regola ġenerali li l-applikazzjoni tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali dejjem teħtieġ il-materjalizzazzjoni effettiva tar-riskju tal-introduzzjoni tal-merkanzija inkwistjoni fiċ-ċirkulazzjoni ekonomika. Bħala prova: is-sentenza SEK Zollagentur [18], bilkemm xahar wara s-sentenza X, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat it-tnissil tad-dejn doganali minħabba s-sempliċi separazzjoni tal-merkanzija mid-dokumenti doganali li jakkumpanjawha, mingħajr ma din il-merkanzija kienet ħalliet il-maħżen li fih kienet tpoġġiet u għalhekk, mingħajr l-inqas riskju tal-introduzzjoni tagħha fiċ-ċirkulazzjoni ekonomika.

31. F'dak li jikkonċerna l-kwistjoni jekk il-fatt li l-merkanzija kienet probabbilment ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni ma jeliminax ir-riskju tal-introduzzjoni tagħha fiċ-ċirkulazzjoni ekonomika bl-istess mod bħar-ritorn tagħha taħt sorveljanza doganali, filwaqt li għalhekk tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, għandu jiġi osservat li teżi li tixxiebah diġà tressqet mill-Avukat Ġenerali Tizzano fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Hamann International [19]. Issa, il-proposta tiegħu ma kinitx ġiet segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha [20] minħabba li f'din

15 — Fil-proċedura prinċipali, ir-Rechtbank te Haarlem ikkunsidrat dan il-fatt bħala stabbilit u ma għandi ebda intenzjoni li nerġa' niddiskutih.

16 — C-480/12, EU:C:2014:329.

17 — Ara s-sentenza X (C-480/12, EU:C:2014:329, punt 37).

18 — C-75/13, EU:C:2014:1759.

19 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Hamann International (C-337/01, EU:C:2003:344, punti 48 sa 62).

20 — Ara s-sentenza Hamann International (C-337/01, EU:C:2004:90, punti 31 u 32).

il-kawża, l-awtoritajiet doganali setgħu jiżguraw ruħhom formalment bil-ħruġ effettiv tal-merkanzija mit-territorju tal-Unjoni [21]. Għalhekk, jidhirli li din inqas tista' tiġi aċċettata fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali fejn il-ħruġ tal-merkanzija minn dan it-territorju, mill-perspettiva tas-sorveljanza doganali, huwa biss konstatazzjoni informali.

32. Fl-aħħar nett ma inix konvint mill-affermazzjoni tal-Kummissjoni, imressqa waqt is-seduta, li, fil-każ ta' interpretazzjoni kuntrarja, ma jkunx hemm riskju li l-operaturi jonqsu regolarment milli jippreżentaw il-merkanzija ddestinata għall-esportazzjoni mill-ġdid lill-uffiċċji tad-destinazzjoni, minħabba li dejjem ser ikun iktar faċli għalihom li jwettqu l-formalitajiet milli jipproduċu prova permezz ta' proċeduri ġudizzjarji tal-ħruġ tal-merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni.

33. L-ewwel nett, din l-affermazzjoni teskludi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Issa, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tasalx għall-konstatazzjoni li din hija tneħħija mis-sorveljanza doganali, dan ma jippreġudikax il-possibbiltà li jiġi kkonstatat it-tnissil tad-dejn doganali abbażi ta' dan l-Artikolu 204 [22].

34. It-tieni nett, anki jekk jiġi kkunsidrat l-argument tal-Kummissjoni *in abstracto*, jidhirli li dan huwa infondat. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat f'din il-kawża prinċipali l-assenza ta' tneħħija mis-sorveljanza doganali, din l-interpretazzjoni hija obbligatorja mhux biss għall-qrati nazzjonali tal-Istati Membri, iżda wkoll għall-awtoritajiet doganali tagħhom, li għalhekk huma fil-prattika ristretti milli jaċċettaw il-provi differenti tal-ħruġ tal-merkanzija prodotti mill-partijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-proċedura ta' tranżitu titlef is-sens kollu tagħha, fi kwalunkwe każ f'dak li jikkonċerna l-merkanzija ddestinata għall-esportazzjoni mill-ġdid.

35. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li l-ewwel domanda preliminari tiġi risposta li l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li jnissel dejn doganali, minħabba t-tneħħija mis-sorveljanza doganali, il-fatt li merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ta' dan it-tranżitu u mingħajr ma d-detentur ta' din il-proċedura jkun jista' jipproduċi d-dokumenti doganali li joħorġu minn Stat terz, imsemmija fl-Artikolu 365(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari

36. Fl-eventwalità fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma ssegwix il-proposta tiegħi f'dak li jikkonċerna r-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari, ser nanalizza wkoll it-tieni domanda. Ir-risposta għat-tielet domanda hija marbuta ħafna ma' dik li ser tingħata għat-tieni domanda. Għalhekk it-tielet domanda ser nirrispondiha biss fil-qosor għall-kompletezza.

Fuq it-tieni domanda preliminari

37. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt (6) tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, moqri mal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri s-sitwazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern li ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma din il-proċedura tkun intemmet.

21 — Fil-kawża li tat lok għas-sentenza Hamann International (C-337/01, EU:C:2004:90) il-merkanzija kienet ħalliet it-territorju tal-Unjoni b'konformità mar-regoli kollha applikabbli fil-qasam tal-esportazzjoni. It-tneħħija kkonstatata mis-sorveljanza doganali seħħet qabel, jiġifieri matul it-trasportazzjoni tagħha lejn il-fruntiera.

22 — Ara l-proposta tar-riposta għat-tieni domanda preliminari.

38. Biex infakkar, skont it-termini tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, in-nuqqas ta' twettiq ta' wieħed mill-obbligi li jirriżultaw mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha tpoġġiet il-merkanzija inkwistjoni fil-prinċipju jnissel dejn doganali relatat ma' din il-merkanzija. Dan ma jistax ikun mod ieħor ħlief bil-kundizzjoni li "jiġi stabbilit li dawk in-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta […] tal-proċess doganali kkunsidrat". L-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni jippreċiża din id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Doganali, billi jistabbilixxi lista eżawrjenti tan-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu meqjusa li jibqgħu mingħajr konsegwenza reali fuq il-funzjonament tal-proċeduri differenti.

39. Għalhekk, l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Huwa veru li l-formulazzjoni kategorika ta' dan l-Artikolu 859 – "[i]n-nuqqasijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala bla konsegwenzi reali" – mal-ewwel daqqa t'għajn tista' tkun qarrieqa. Madankollu, jidhirli li huwa evidenti li l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni ma jistax jintroduċi regola kuntrarja għal dik tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, li tagħha huwa dispożizzjoni ta' implementazzjoni, u lanqas li jemendaha[23]. Għalhekk, għalkemm l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali jindirizza n-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu li baqgħu mingħajr konsegwenza reali fuq il-funzjonament korrett tal-proċedura doganali, l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni ma jistax jiġi interpretat b'mod li jdaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu li għandhom tali konsegwenzi.

40. Issa, kif spjegajt fil-punti 14 sa 19 ta' dawn il-konklużjonijiet, nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali mingħajr dubju għandu konsegwenzi fuq il-funzjonament korrett tal-proċedura ta' tranżitu, minħabba li jipprekludiha milli tiġi fi tmiemha b'mod korrett. Għalhekk, dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma jistax jaqa' taħt il-punt (6) tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, mingħajr ma jikser l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali.

41. Fl-eventwalità fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix il-proposta tiegħi f'dak li jikkonċerna r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda preliminari, nipproponi għalhekk li t-tieni domanda preliminari tiġi risposta li l-punt (6) tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, moqri mal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix is-sitwazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern li ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma din il-proċedura tkun intemmet.

Fuq it-tielet domanda preliminari

42. Permezz tat-tielet domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk it-tielet inċiż tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni għandux jiġi interpretat li jfisser li l-kundizzjoni msemmija fih tiġi sodisfatta meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern tkun ħalliet it-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma din il-proċedura tkun intemmet.

43. L-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, minbarra l-lista ta' nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu koperti minn din id-dispożizzjoni, kull wieħed kopert bil-kundizzjonijiet proprji tiegħu, jinkludi fit-tliet inċiżi tas-sentenza introduttorja, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-applikabbiltà tiegħu. Tnejn minnhom jikkonċernaw, biex ngħid hekk, il-motivi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Dan huwa dwar jekk, in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma kienx jikkostitwixxi tentattiv ta' tneħħija tal-merkanzija mis-sorveljanza doganali u jekk kienx dovut għal negliġenza manifesta tal-parti kkonċernata. Jekk waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet tiġi kkonstatata, ħaġa li huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw, in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma jistax jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali.

23 — Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza Söhl & Söhlke (C-48/98, EU:C:1999:548, punti 36 u 38).

44. Skont il-kundizzjoni magħmula fit-tielet inċiż tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, din hija applikabbli jekk "il-formalitajiet kollha meħtieġa biex tiġi regolarizzata s-sitwazzjoni tal-merkanzija huma sussegwentement imwettqa". Minħabba li hawnhekk hija kwistjoni jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandux jibqa' magħruf li jibqa' mingħajr konsegwenzi reali fuq il-funzjonament tal-proċedura kkonċernata, din hija biss regolarizzazzjoni mill-perspettiva ta' din il-proċedura.

45. Issa, fis-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jipprekludi lill-proċedura milli tintemm, din is-sitwazzjoni ma tistax tiġi ssodisfatta. Regolarizzazzjoni ta' din is-sitwazzjoni għandha sseħħ, iżda abbażi tal-konstatazzjoni tat-tnissil tad-dejn doganali, u tal-irkupru tiegħu. (jew eventwalment, il-maħfra jew ir-rimbors tiegħu skont l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali), li ma jikkostitwixxix regolarizzazzjoni fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

46. Konsegwentement, fid-dawl tar-risposta li nipproponi għat-tieni domanda preliminari, ir-risposta għat-tielet domanda preliminari ma tistax tkun ħlief negattiva.

Konklużjoni

47. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden:

L-Artikolu 203 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li jnissel dejn doganali, minħabba t-tneħħija mis-sorveljanza doganali, il-fatt li merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ta' dan it-tranżitu u mingħajr ma d-detentur ta' din il-proċedura jkun jista' jipproduċi dokumenti doganali li joħorġu minn Stat terz, imsemmija fl-Artikolu 365(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2007 tat-28 ta' Frar 2007.